# ITTRA APPOSTOLIKA TAL-QDUSIJA TIEGĦU FRANĠISKU LILL-PERSUNI KKONSAGRATI KOLLHA FL-OKKAŻJONI TAS-SENA TAL-ĦAJJA KKONSAGRATA

*Għeżież persuni kkonsagrati,*

Qed niktbilkom bħala Suċċessur ta' Pietru, li lilu l-Mulej Ġesù fdalu l-missjoni li jwettaq lil ħutu fil-fidi (ara Lq 22:32), u niktbilkom bħala ħukom, bħalkom ikkonsagrat lil Alla.

Irroddu ħajr flimkien lil Alla, li sejħilna biex nimxu wara Ġesù billi ningħataw kollna kemm aħna għall-Vanġelu tiegħu u għall-qadi tal-Knisja, u sawwab fi qlubna l-Ispirtu s-Santu li jimliena bil-ferħ u jagħtina l-qawwa li nagħtu xhieda tal-imħabba u l-ħniena tiegħu quddiem id-dinja kollha.

Wara li smajt lil ħafna minnkom u l-Kongregazzjoni għall-Istituti ta' Ħajja Kkonsagrata u s-Soċjetajiet ta' Ħajja Appostolika, fl-okkażjoni tal-ħamsin anniversarju tal-Kostituzzjoni dommatika *Lumen gentium* dwar il-Knisja, li fis-sitt kapitlu tittratta r-reliġjużi, kif ukoll tad-Digriet *Perfectæ caritatis* dwar it-tiġdid tal-ħajja reliġjuża, iddeċidejt li nsejjaħ Sena tal-Ħajja Kkonsagrata. Tiftaħ it-30 ta' Novembru li ġej, l-I Ħadd tal-Avvent, u tagħlaq bil-festa tal-Preżentazzjoni ta' Ġesù fit-Tempju nhar it-2 ta' Frar 2016.

Fuq il-parir tal-Kongregazzjoni għall-Istituti ta' Ħajja Kkonsagrata u s-Soċjetajiet ta' Ħajja Appostolika, indikajt għal din is-Sena l-istess għanijiet li San Ġwanni Pawlu II kien ippropona lill-Knisja fil-ftuħ tat-tielet millennju, fejn f'ċertu sens reġa' qabad dak li kien diġà wriena fl-Eżortazzjoni post-sinodali *Vita consecrata*: "Intom mhux biss għandkom storja glorjuża x'tiftakru u tirrakkontaw, imma storja kbira x'tibnu! Ħarsu lejn il-futur, li lejh l-Ispirtu qed imexxikom biex għal darb'oħra jagħmel magħkom ħwejjeġ kbar" (n. 110).

## I – L-għanijiet tas-Sena tal-Ħajja Kkonsagrata

1. L-ewwel għan hu li *nħarsu bi gratitudni lejn l-imgħoddi*. Kull Istitut tagħna ħiereġ minn storja karizmatika għanja. F'għeruqha hemm l-azzjoni ta' Alla li, bl-Ispirtu tiegħu, isejjaħ lil xi persuni għal mixja eqreb wara Kristu, biex isarrfu l-Vanġelu f'xejra partikulari ta' ħajja, biex jaqraw is-sinjali taż-żminijiet bl-għajnejn tal-fidi, biex iwieġbu bi kreattività għall-ħtiġijiet tal-Knisja. L-esperjenza tal-bidu mbagħad kibret u xxettlet, u fiha daħlu membri oħra f'kuntesti ġeografiċi u kulturali ġodda, li taw ħajja lil modi ġodda ta' kif tiġi applikata l-kariżma, lil inizjattivi u espressjonijiet ġodda ta' karità appostolika. Hi bħaż-żerriegħa li tikber f'siġra li tifrex il-friegħi tagħha.

F'din is-Sena jkun jixraq li kull familja karizmatika tiftakar fil-bidu tagħha u fin-nisġa storika tagħha, biex trodd ħajr lil Alla li offra lill-Knisja għadd hekk kbir ta' doni li jsebbħuha u jagħmluha għal kull opra tajba (ara *Lumen gentium*, 12).

Li nirrakkontaw l-istorja tagħna hu indispensabbli biex nistgħu nżommu ħajja l-identità, kif ukoll biex inseddqu l-għaqda tal-familja u s-sens ta' appartenenza tal-membri tagħha. Dan mhux xi eżerċizzju arkeoloġiku jew ta' nostalġiji bla siwi, imma biex wieħed jgħix mill-ġdid il-mixja tal-ġenerazzjonijiet l-imgħoddija u fiha jaqra t-tnebbiħa oriġinali, l-ideali, il-proġetti, il-valuri li minnhom telqet, ibda mill-Fundaturi u mill-ewwel komunitajiet. Hekk nezaminaw ukoll kif ingħexet il-kariżma matul l-istorja, xi kreattività nixxiet minnha, x'diffikultajiet kellha tħabbat wiċċha magħhom u kif ġew megħluba. Nafu niskopru inkoerenzi, frott tad-

dgħufijiet umani, xi kultant anki għax għal żmien twil ikunu ntesew xi aspetti essenzjali tal-kariżma. Minn kollox nistgħu nitgħallmu u kollox jista' jsir sejħa għall-konverżjoni. Ir-rakkont tal-istorja tagħna jwassalna biex infaħħru lil Alla u rroddulu ħajr għad-doni kollha tiegħu.

Nirringrazzjawh b'mod partikulari għal dawn l-aħħar ħamsin sena wara l-Konċilju Vatikan II, li kienu bħal "riħ qawwi" li l-Ispirtu s-Santu nefaħ fuq il-Knisja kollha. Grazzi għalih, il-ħajja kkonsagrata wettqet mixja għammiela ta' tiġdid li, bid-dwal u d-dellijiet tagħha, kienet żmien ta' grazzja, immarkat mill-preżenza tal-Ispirtu.

Ħa tkun din is-Sena tal-Ħajja Kkonsagrata okkażjoni wkoll biex bl-umiltà kollha, u lkoll flimkien b'fiduċja kbira f'Alla li hu Mħabba (ara 1 Ġw 4:8), nistqarru d-dgħufija tagħna u ngħixuha bħala esperjenza tal-imħabba kollha ħniena tal-Mulej; okkażjoni biex bil-qawwa kollha ngħollu leħinna quddiem id-dinja u nixhdu bil-ferħ għall-qdusija u l-ħeġġa li hemm fl-għadd kbir ta' dawk li ġew imsejħa biex jimxu wara Kristu fil-ħajja kkonsagrata.

2. Din is-Sena qed issejħilna wkoll biex *ngħixu l-preżent b'passjoni*. Il-memorja grata tal-passat timbuttana biex, fis-smigħ attent ta' dak li llum l-Ispirtu qed jgħid lill-Knisja, inwettqu b'mod dejjem iżjed profond l-aspetti kostituttivi tal-ħajja kkonsagrata tagħna.

Mill-bidu tal-ewwel monastiċiżmu, sal-"komunitajiet ġodda" ta' żmienna, kull għamla ta' ħajja kkonsagrata twieldet mis-sejħa tal-Ispirtu għall-mixja wara Kristu kif mgħallma fil-Vanġelu (ara *Perfectæ caritatis,* 2). Għall-Fundaturi, l-ogħla regola kienet il-Vanġelu; kull regola oħra kellha tkun biss espressjoni tal-Vanġelu u għodda biex dan jingħax fil-milja tiegħu. L-ideal tagħhom kien Kristu, li jimxu warajh b'mod sħiħ, sa ma jkunu jistgħu jistqarru flimkien ma' Pawlu: "Għalija l-ħajja hi Kristu" (Fil 1:21); il-voti kellhom sens biss biex iwettqu din l-imħabba appassjonata tagħhom.

Il-mistoqsija li aħna msejħin nagħmlu lilna nfusna matul din is-Sena hi jekk u kif anki aħna qed inħallu l-Vanġelu jqanqalna; jekk hux tabilħaqq il-*vademecum* għall-ħajja ta' kuljum u għall-għażliet li msejħin nagħmlu. Hu esiġenti u jitlob minna li ngħixuh b'mod radikali u sinċier. Mhux biżżejjed naqrawh (anki jekk il-qari u l-istudju tiegħu jibqgħu ta' importanza kbira ħafna), mhux biżżejjed nimmeditawh (u dan nagħmluh bil-ferħ kuljum). Ġesù qed jitlob minna li nwettquh, li ngħixu kliemu.

Tajjeb li nistaqsu għal darb'oħra lilna nfusna: Ġesù hu tassew l-ewwel u l-unika mħabba, kif wegħidna meta stqarrejna l-voti tagħna? Hekk biss nistgħu u għandna nħobbu bil-verità u l-ħniena lil kull persuna li magħha niltaqgħu fil-mixja tagħna, għax inkunu tgħallimna minnU x'inhi l-imħabba u kif inħobbu: inkunu nafu nħobbu għax ikollna l-istess qalb tiegħu.

Il-Fundaturi tagħna ħassew fihom dik il-ħniena li biha kien jitqanqal Ġesù meta kien jara l-ġmiegħi donnhom nagħaġ mitluqa bla ragħaj. Kif Ġesù, imqanqal minn din il-ħniena, ta l-kelma tiegħu, fejjaq il-morda, qassam il-ħobż lill-imġewħa, offra ħajtu stess, hekk anki l-Fundaturi ngħataw għall-qadi tal-bnedmin li għandhom bagħathom l-Ispirtu, bl-aktar modi diversi: l-interċessjoni, il-predikazzjoni tal-Vanġelu, il-katekeżi, it-tagħlim, is-servizz lill-foqra, lill-morda… Il-fantasija tal-karità ma tafx b'limiti u għarfet tiftaħ għadd bla qies ta' toroq biex in-nifs tal-Vanġelu jitwassal fil-kulturi u f'numru hekk differenti ta' oqsma soċjali.

Is-Sena tal-Ħajja Kkonsagrata qed tqiegħed quddiemna l-mistoqsija dwar il-fedeltà tagħna għall-missjoni li ġiet fdata f'idejna. Il-ministeri tagħna, l-opri tagħna, il-preżenzi tagħna, qed

iwieġbu għal dak li l-Ispirtu talab mill-Fundaturi tagħna, huma adegwati biex iwasslu għall-finalitajiet tiegħu fis-soċjetà u fil-Knisja tal-lum? Hemm xi ħaġa li messna nibdlu? Għandna l-istess passjoni għan-nies tagħna, aħna qrib tagħhom hekk li lesti naqsmu fil-ferħ u n-niket tagħhom, hekk li nistgħu nifhmu tabilħaqq il-ħtiġijiet u noffru s-sehem tagħna biex inwieġbu għalihom? "L-istess ġenerożità u għotja personali li ħeġġu lill-Fundaturi", kien diġà qalilna San Ġwanni Pawlu II, "għandhom iqanqlu lilkom, ulied spiritwali tagħhom, biex iżżommu ħajja l-karIżmi li, bl-istess qawwa tal-Ispirtu li qajjimhom, jissoktaw jistagħnew u jadattaw ruħhom, bla ma jitilfu xejn mill-karattru ġenwin tagħhom, biex ikunu ta' qadi għall-Knisja u jwasslu fil-milja tiegħu t-twaqqif mill-ġdid tas-Saltna tiegħu".[1]

Aħna u niftakru fl-għeruq tagħna, hemm aspett ieħor tal-proġett ta' ħajja kkonsagrata li joħroġ għad-dawl. Il-Fundaturi kienu affaxxinati mill-għaqda li kien hemm bejn it-Tnax madwar Ġesù, mill-komunjoni li minnha kienet tingħaraf l-ewwel komunità ta' Ġerusalemm. Fil-komunitajiet li huma welldu, huma riedu bħal jirriproduċu dawk il-mudelli evanġeliċi, ikunu qalb waħda u ruħ waħda, igawdu l-preżenza tal-Mulej (ara *Perfectæ caritatis*,15).

Ngħixu b'passjoni l-preżent ifisser insiru "esperti tal-komunjoni", "xhieda u awturi ta' dak il-'proġett ta' komunjoni' li qiegħed fil-quċċata tal-istorja tal-bniedem kif iridha Alla".[2] F'soċjetà tal-iskontru, fejn id-diversi kulturi jsibuha bi tqilha biex jikkonvivu flimkien, fejn l-iktar dgħajfa huma mkasbra, fejn isaltan in-nuqqas ta' ugwaljanza, aħna msejħin noffru mudell konkret ta' komunità li, permezz tal-għarfien tad-dinjità ta' kull persuna u tal-qsim tad-don li kull wieħed iġorr fih innifsu, tista' tgħix ir-rabtiet bejn l-aħwa.

Mela kunu rġiel u nisa ta' komunjoni, kunu preżenti bil-kuraġġ hemm fejn jeżistu d-differenzi u t-tensjonijiet, u siru sinjal li jitwemmen tal-preżenza tal-Ispirtu li jqanqal fil-qlub il-ħerqa li nkunu lkoll ħaġa waħda (ara Ġw 17:21). Għixu l-*mistika tal-laqgħa*: "il-ħila li tħossu, li tisimgħu lill-oħrajn. Il-ħila li flimkien tfittxu t-triq, il-metodu",[3] waqt li tħallu ddawwalkom ir-relazzjoni ta' mħabba li teżisti bejn it-tliet Persuni Divini (ara 1 Ġw 4:8), mudell ta' kull relazzjoni bejn il-persuni.

3. Li *nħaddnu l-futur bit-tama* għandu jkun it-tielet għan li nixtieq nilħqu din is-Sena. Nafu liema huma d-diffikultajiet li qed tħabbat wiċċha magħhom il-ħajja kkonsagrata fid-diversi xejriet tagħha: in-nuqqas ta' vokazzjonijiet u ż-żieda fl-età, fuq kollox fid-dinja tal-Punent, il-problemi ekonomiċi wara l-kriżi gravi finanzjarja fid-dinja, l-isfidi tal-internazzjonalità u l-globalizzazzjoni, l-attakki tar-relattiviżmu, l-emarġinazzjoni u l-irrilevanza soċjali… Sewwa sew qalb dawn l-inċertezzi, li naqsmu flimkien ma' ħafna min-nies ta' żmienna, titwettaq it-tama tagħna, frott tal-fidi fil-Mulej tal-istorja li jkompli jtennilna: "La tibżax… għax jien miegħek" (Ġer 1:8).

It-tama li fuqha qed nitkellmu ma tissejjisx fuq numri jew opri, imma fuq Dak li fih emminna (ara 2 Tim 1:12) u li għalih "m'hemm xejn li ma jistax isir" (Lq 1:37). Hi din it-tama li ma tqarraqx u li biha l-ħajja kkonsagrata tista' tissokta tikteb storja kbira fil-ġejjieni, li lejh aħna nżommu merfugħa ħarsitna, għax nafu li lejh qed imexxina l-Ispirtu s-Santu biex ikompli jagħmel magħna ħwejjeġ kbar.

Taqgħux għat-tentazzjonijiet tan-numri u tal-effiċjenza, u wisq inqas għal dik li sserrħu fuq is-saħħa tagħkom. Fittxu l-ixfqa ta' ħajjitkom u tal-mument ta' issa "f'sahra bla heda". Ma' Benedittu XVI intennilkom: "Tagħmluhiex mal-profeti tal-isfortuna li qed ixandru t-tmiem tal-ħajja kkonsagrata jew jgħidu li m'għadx fadal postha fil-Knisja tal-lum; pjuttost ilbsu mill-ġdid lil Ġesù Kristu u xiddu fuqkom l-armi tad-dawl – kif jamrilna San Pawl (ara Rum

13:11-14) – u ibqgħu mqajma u ishru".[4] Nissoktaw u naqbdu dejjem mill-ġdid il-mixja tagħna b'fiduċja sħiħa fil-Mulej.

Fuq kollox indur fuqkom iż-żgħażagħ. Intom il-preżent għax diġà qed tgħixu b'mod attiv fi ħdan l-Istituti tagħkom, u toffru kontribut determinanti bil-freskezza u l-ġenerożità tal-għażla tagħkom. Fl-istess waqt, intom il-futur tagħhom għax dalwaqt tkunu msejħa tieħdu f'idejkom ir-riedni tal-animazzjoni, tal-formazzjoni, tas-servizz, tal-missjoni. Din is-Sena trid tarakom protagonisti fid-djalogu mal-ġenerazzjoni li għandkom quddiemkom. F'komunjoni fraterna tistgħu tistagħnew bl-esperjenza u l-għerf tagħha, u fl-istess ħin tistgħu tipproponulha mill-ġdid l-ideal li għarfet fil-bidu tagħha, toffrulha l-ħeġġa u l-freskezza tal-entużjażmu tagħkom, biex hekk telaboraw flimkien modi ġodda ta' kif tgħixu l-Vanġelu u tweġibiet dejjem iżjed adegwati għall-esiġenzi ta' xhieda u ta' xandir.

Nifraħ meta naf li sa jkollkom okkażjonijiet biex tiltaqgħu flimkien, intom iż-żgħażagħ ta' Istituti differenti. Jalla l-laqgħa ssir triq regolari ta' komunjoni, ta' sostenn reċiproku, ta' għaqda.

## II – X'nistennew mis-Sena tal-Ħajja Kkonsagrata

X'qed nistenna b'mod partikulari minn din is-Sena ta' grazzja tal-Ħajja Kkonsagrata?

1. Jalla jibqa' dejjem minnu dak li għidt darba: "Fejn hemm ir-reliġjużi, hemm il-ferħ". Aħna msejħin nesperimentaw u nuru li Alla hu kapaċi jimla l-qalb tagħna u jagħmilna hienja, bla ma jkollna bżonn infittxu l-ferħ tagħna band'oħra; jalla l-fraternità awtentika li ngħixu fil-komunitajiet tagħna sseddaq il-ferħ tagħna; jalla d-don sħiħ tagħna fil-qadi tal-Knisja, tal-familji, taż-żgħażagħ, tal-anzjani, tal-foqra jagħmilna persuni sħaħ u jwassalna għall-milja ta' ħajjitna.

Fostna m'għandux ikun hemm uċuħ imnikkta, persuni mdejqa u mxebbgħin, għax "dixxipulat imdejjaq hu dixxipulat ta' dwejjaq". Anki aħna, bħall-irġiel u n-nisa l-oħra kollha, inġarrbu diffikultajiet, iljieli tal-ispirtu, delużjonijiet, mard, nuqqas ta' saħħa minħabba x-xjuħija. Sewwa sew f'dan għandna nsibu l-"hena perfett", nitgħallmu nagħrfu wiċċ Kristu li f'kollox sar bħalna u hekk nithennew għax nafu li sirna nixbhu lilU li, għall-imħabba tagħna, ma stmerrx jieħu fuqu s-salib.

F'soċjetà li tiftaħar bil-kult tal-effiċjenza, il-progress fis-saħħa, is-suċċess u twarrab lill-foqra u teskludi t-"telliefa", aħna b'ħajjitna nistgħu nagħtu xhieda tal-verità ta' kliem l-Iskrittura: "Meta nkun dgħajjef, inkun qawwi" (2 Kor 12:10).

Nistgħu napplikaw tajjeb għall-ħajja kkonsagrata dak li ktibt fl-Eżortazzjoni appostolika *Evangelii gaudium,* kwotazzjoni minn omelija ta' Benedittu XVI: "Il-Knisja mhux bil-proselitiżmu tikber, imma bl-attrazzjoni" (n. 14). Iva, il-ħajja kkonsagrata ma tikbirx għax norganizzaw kampanji vokazzjonali sbieħ, imma jekk iż-żgħażagħ li jiltaqgħu magħna jħossuhom jinġibdu lejna, jekk jaraw fina rġiel u nisa hienja! Bl-istess mod, l-effikaċja appostolika ma tiddependix mill-effiċjenza u s-saħħa tal-mezzi li għandha. Hi ħajjitkom li trid titkellem, ħajja li fiha jidhru l-ferħ u l-ġmiel li hemm f'li tgħix il-Vanġelu u timxi wara Kristu.

Intenni lilkom ukoll dak li għedt fl-aħħar Velja ta' Għid il-Ħamsin lill-Movimenti Ekkleżjali: "Il-valur tal-Knisja, fundamentalment, hu li ngħixu l-Vanġelu u nagħtu xhieda tal-fidi

tagħna. Il-Knisja hi melħ tal-art, hi dawl tad-dinja, hi msejħa biex tagħmel preżenti fis-soċjetà l-ħmira tas-Saltna ta' Alla u dan qabelxejn tagħmlu bix-xhieda tagħha, ix-xhieda tal-imħabba bejn l-aħwa, tas-solidarjetà, tal-kondiviżjoni" (18 ta' Mejju 2013).

2. Nistenna li "tqajmu lid-dinja", għax l-aspett li jikkaratterizza l-ħajja kkonsagrata hu l-profezija. Kif għidt lis-Superjuri Ġenerali, "ir-radikalità tal-Vanġelu mhix biss tar-reliġjużi: hi mitluba minn kulħadd. Imma r-reliġjużi jimxu wara l-Mulej b'mod speċjali, b'mod profetiku". Din hi l-prijorità li hi mitluba minna issa: "inkunu profeti li jagħtu xhieda ta' kif Ġesù għex fuq din l-art… Reliġjuż m'għandu qatt jiċħad il-profezija" (29 ta' Novembru 2013).

Il-profeta jirċievi mingħand Alla l-ħila li jqalleb fl-istorja li fiha jgħix u jinterpreta l-ġrajjiet: hu bħall-għassa li tishar billejl u taf meta sa jżernaq (ara Is 21:11-12). Jaf lil Alla u jaf lill-bnedmin ħutu. Jaf jiddixxerni u anki jeħodha kontra l-ħażen tad-dnub u l-inġustizzji, għax hu ħieles, ma jrid iwieġeb lill-ebda sid ħlief lil Alla, m'għandux interessi oħra ħlief dawk ta' Alla. Il-profeta hu dejjem fuq in-naħa tal-foqra u dawk li m'għandhomx min jaqbeż għalihom, għax jaf li Alla nnifsu qiegħed fuq in-naħa tagħhom.

Għalhekk li nistenna minnkom mhux li toqogħdu tixxennqu għall-"utopji", imma li tagħrfu toħolqu "imkejjen oħra", fejn wieħed jista' jgħix il-loġika evanġelika tad-don, tal-fraternità, fejn id-diversità hi milqugħa, l-imħabba reċiproka. Monasteri, komunitajiet, ċentri ta' spiritwalità, djar, skejjel, sptarijiet, imkejjen oħra ta' kenn għall-familji u dawk il-postijiet kollha li nibtu mill-karità u l-kreattività kariżmatika, u li għad jitwieldu b'iktar kreattività, jeħtieġ li jsiru dejjem iżjed il-ħmira għal soċjetà mnebbħa mill-Vanġelu, il-"belt fuq il-muntanja" li tlissen il-verità u l-qawwa ta' kliem Ġesù.

Xi kultant, kif ġara lil Elija u lil Ġona, tista' tiġina t-tentazzjoni li naħarbu, li nagħtu daharna lill-missjoni ta' profeta, għax hi wisq esiġenti, għax għajjejna, għax qtajna qalbna mir-riżultati. Imma l-profeta jaf li qatt mhu waħdu. Anki lilna, kif għamel ma' Ġeremija, Alla jiżgurana: "La tibżax… għax jien miegħek biex neħilsek" (Ġer 1:8).

3. Ir-reliġjużi, bħall-persuni kkonsagrati l-oħrajn kollha, ġew imsejħa, kif għadni kemm fakkart, "esperti tal-komunjoni". Għalhekk nistenna li l-"ispiritwalità tal-komunjoni", murija minn San Ġwanni Pawlu II, issir realtà u li intom tkunu minn ta' quddiem li tilqgħu "l-isfida għolja li għandna quddiemna" f'dan il-millennju ġdid: "li nagħmlu mill-Knisja d-dar u l-iskola tal-komunjoni".[5] Jiena ċert li tul din is-Sena sa taħdmu bis-serjetà biex l-ideal tal-fraternità li xettlu l-Fundaturi tagħkom jikber fuq kull livell, bħal fi ċrieki konċentriċi.

Il-komunjoni ngħixuha qabelxejn fi ħdan il-komunitajiet rispettivi tal-Istitut. Hawn nistedinkom terġgħu taqraw l-interventi spissi tiegħi fejn qatt ma negħja ntenni li kritika, seksik, għira, ġelosija, antagoniżmi huma atteġġjamenti li m'għandhomx dritt joqogħdu fid-djar tagħna. B'din il-premessa, il-mixja ta' karità li tinfetaħ quddiemna hi kważi infinita, għax titlobna nfittxu li nilqgħu lil xulxin u nkunu attenti għal xulxin, li nħaddnu l-komunjoni tal-ġid materjali u spiritwali, il-korrezzjoni fraterna, ir-rispett lejn l-aktar dgħajfa… Hi "il-'mistika' li ngħixu flimkien", li tagħmel minn ħajjitna "pellegrinaġġ qaddis".[6] Jeħtieġ nistaqsu lilna nfusna wkoll x'relazzjoni hemm bejn persuni ta' kulturi differenti, fid-dawl tal-fatt li l-komunitajiet tagħna qed isiru dejjem iżjed internazzjonali. Kif nistgħu nagħmlu mod li kull persuna tista' tesprimi ruħha, tħossha milqugħa bid-doni partikulari li għandha, tħossha korresponsabbli b'mod sħiħ?

Barra minn hekk, nistenna li titkattar il-komunjoni bejn il-membri tad-diversi Istituti. Tistax din is-Sena tkun l-okkażjoni biex noħorġu b'kuraġġ ikbar minn wara l-ħitan tal-Istitut tagħna ħalli flimkien, fuq livell lokali u globali, infasslu proġetti komuni ta' formazzjoni, ta' evanġelizzazzjoni, ta' interventi soċjali? B'dan il-mod inkunu nistgħu nagħtu b'mod iżjed effikaċi xhieda profetika vera. Il-komunjoni u l-laqgħa bejn kariżmi u vokazzjonijiet differenti hi mixja ta' tama. Ħadd ma jibni l-futur tiegħu billi jinqata' għalih waħdu, u lanqas bil-ħila tiegħu biss, imma billi jagħraf lilu nnifsu fil-verità ta' komunjoni li dejjem hi miftuħa għal-laqgħa, għad-djalogu, għas-smigħ, għall-għajnuna reċiproka u tħarisna mill-marda tal-awtoreferenzjalità.

Fl-istess ħin il-ħajja kkonsagrata hi msejħa tfittex sinerġija sinċiera bejn il-vokazzjonijiet kollha fil-Knisja, ibda mis-saċerdoti u l-lajċi, biex hekk "tkattar l-ispiritwalità tal-komunjoni qabelxejn fi ħdanha u mbagħad fl-istess komunità ekkleżjali u lil hemm mill-konfini tagħha".[7]

4. Għadni qed nistenna minnkom dak li nitlob mill-membri kollha tal-Knisja: li toħorġu minnkom infuskom biex tmorru fil-periferiji eżistenzjali. "Morru fid-dinja kollha" kienet l-aħħar kelma li Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu u li jissokta jgħid lilna lkoll illum (ara Mk 16:15). Hemm umanità sħiħa li qed tistenna: persuni li tilfu kull tama, familji f'diffikultà, tfal mitluqa, żgħażagħ bla futur ta' xejn, morda u xjuħ abbandunati, għonja mxebbgħin bil-ġid imma b'qalbhom vojta, irġiel u nisa li qed ifittxu t-tifsira tal-ħajja, għatxana għad-divin…

Tingħalqux fikom infuskom, tħallux it-tilwim żgħir ta' ġod-dar jaqtgħalkom nifiskom, tibqgħux priġuniera tal-problemi tagħkom. Dawn jissolvew jekk toħorġu biex tgħinu lill-oħrajn isolvu l-problemi tagħhom u biex tħabbru l-Bxara t-tajba. Il-ħajja ssibuha jekk tagħtuha, it-tama jekk timlew l-oħrajn bit-tama, l-imħabba jekk tħobbu.

Nistenna minnkom ġesti konkreti li bihom tilqgħu r-rifuġjati, tkunu qrib tal-foqra, tkunu kreattivi fil-katekeżi, fit-tħabbira tal-Vanġelu, fl-inizjazzjoni għall-ħajja tat-talb. Konsegwentement, nawgura li jiġu mħaffa l-istrutturi, djar kbar jintużaw aħjar b'riżq opri li jistgħu jwieġbu aktar għall-ħtiġijiet attwali tal-evanġelizzazzjoni u l-karità, u l-opri tagħkom jiġu adegwati għall-bżonnijiet ġodda.

5. Nistenna li kull għamla ta' ħajja kkonsagrata tistaqsi lilha nfisha dwar dak li Alla u l-bnedmin tal-lum qed jitolbu minnha.

Il-monasteri u l-gruppi ta' orjentament kontemplattiv jistgħu jiltaqgħu bejniethom, jew inkella jikkomunikaw bejniethom b'modi differenti biex jaqsmu ma' xulxin l-esperjenzi dwar il-ħajja tat-talb, dwar kif jikbru fil-komunjoni mal-Knisja kollha, dwar kif iwieżnu lill-Insara ppersegwitati, dwar kif jilqgħu u jsieħbu lil dawk kollha li qed ifittxu ħajja spiritwali iktar intensa jew għandhom bżonn ta' sostenn morali jew materjali.

L-istess jistgħu jagħmlu l-Istituti karitattivi, mogħtija għat-tagħlim, għall-promozzjoni tal-kultura, dawk mogħtija għax-xandir tal-Vanġelu jew li jwettqu ministeri pastorali partikulari, l-Istituti Sekulari fil-preżenza mifruxa tagħhom fl-istrutturi soċjali. Il-fantasija tal-Ispirtu nibbtet xejriet ta' ħajja u opri hekk differenti minn xulxin li mhux faċli nagħtu lista tagħhom jew indaħħluhom fi skemi lesti. Għalhekk mhux possibbli għalija nirriferi għal kull forma kariżmatika speċifika. Madankollu, ħadd f'din is-Sena ma għandu jibqa' lura milli jagħmel verifika serja dwar il-preżenza tiegħu fil-ħajja tal-Knisja u fuq kif qed iwieġeb għall-mistoqsijiet kontinwi u ġodda li qed iqumu madwarna, għall-karba tal-foqra.

Huwa biss f'din l-attenzjoni għall-ħtiġijiet tad-dinja u fid-doċilità għat-tqanqil tal-Ispirtu, li din is-Sena tal-Ħajja Kkonsagrata tista' tinbidel f'*kairòs* awtentiku, żmien ta' Alla għani fil-grazzja u t-trasformazzjoni.

**III – L-orizzonti tas-Sena tal-Ħajja Kkonsagrata**

1. B'din l-ittra tiegħi, barra fuq il-persuni kkonsagrati, indur *fuq il-lajċi li magħhom huma jaqsmu l-ideali, l-ispirtu, il-missjoni* tagħhom. Xi Istituti reliġjużi għandhom tradizzjoni antika f'dan il-qasam, oħrajn għandhom esperjenza iżjed riċenti. Fil-fatt madwar kull familja reliġjuża, kif ukoll madwar is-Soċjetajiet ta' Ħajja Appostolika u l-istess Istituti Sekulari, hemm preżenti familja ikbar, il-"familja kariżmatika", li tiġbor fiha iżjed Istituti li jingħarfu mill-istess kariżma, u fuq kollox Insara lajċi li jħossuhom imsejħa, sewwa sew fil-kundizzjoni lajkali tagħhom, biex jieħdu sehem fl-istess realtà kariżmatika.

Nagħmel il-qalb lilkom ukoll, lajċi, biex tgħixu din is-Sena tal-Ħajja Kkonsagrata bħala grazzja li tista' tgħinkom tagħrfu iżjed id-don li rċivejtu. Iċċelebrawha flimkien mal-"familja" kollha, biex tikbru u twieġbu flimkien għas-sejħat tal-Ispirtu fis-soċjetà tal-lum. F'xi okkażjonijiet tul din is-Sena, meta l-ikkonsagrati ta' diversi Istituti se jiltaqgħu bejniethom, agħmlu mod li tkunu preżenti intom ukoll bħala espressjoni tad-don waħdieni ta' Alla, biex hekk intom ukoll idduqu l-esperjenzi tal-familji kariżmatiċi l-oħra, tal-gruppi l-oħra lajkali, u b'dan il-mod tistagħnew u twieżnu lil xulxin.

2. Is-Sena tal-Ħajja Kkonsagrata mhix biss għall-persuni kkonsagrati, imma għall-Knisja kollha kemm hi. Għalhekk indur fuq *il-poplu Nisrani kollu* biex jagħraf dejjem iżjed id-don tal-preżenza fi ħdanu ta' tant persuni kkonsagrati, irġiel u nisa, werrieta ta' qaddisin kbar li sawru l-istorja tal-Kristjaneżmu. X'kienet tkun il-Knisja mingħajr San Benedittu u San Bażilju, mingħajr Santu Wistin u San Bernard, mingħajr San Franġisk u San Duminku, mingħajr Sant'Injazju ta' Loyola u Santa Tereża ta' Avila, mingħajr Santa Angela Merici u San Vinċenz de Paul? Il-lista hi kważi bla tarf, sa San Ġwann Bosco, il-Beata Teresa ta' Calcutta. Il-Beatu Pawlu VI stqarr: "Mingħajr dan is-sinjal konkret, il-karità li taħji lill-Knisja kollha tkun tirriskja li tibred, il-paradoss salfiviku tal-Vanġelu li jiġi fix-xejn, il-'melħ' tal-fidi li jintilef f'dinja li qed tissekularizza ruħha" (*Evangelica testificatio,* 3).

Għalhekk nistieden lill-komunitajiet Insara kollha jgħixu din is-Sena qabelxejn biex iroddu ħajr lill-Mulej u jiftakru bi gratitudni fid-doni li rċivew u li għadna nirċievu permezz tal-qdusija tal-Fundaturi u tal-fedeltà ta' tant erwieħ ikkonsagrati lejn il-kariżma tagħhom. Nistedinkom ilkoll tintrassu madwar il-persuni kkonsagrati, tifirħu magħhom, taqsmu magħhom id-diffikultajiet tagħhom, tikkollaboraw id f'id magħhom, daqskemm hu possibbli, fit-twettiq tal-ministeru tagħhom u tal-ħidma tagħhom, li wara kollox huma dawk tal-Knisja kollha. Uruhom l-affett u l-imħabba tal-poplu Nisrani kollu.

Inbierek lill-Mulej għall-koinċidenza hienja tas-Sena tal-Ħajja Kkonsagrata mas-Sinodu fuq il-Familja. Familja u ħajja kkonsagrata huma vokazzjonijiet ta' għana u grazzja għal kulħadd, spazji ta' umanizzazzjoni fil-bini ta' relazzjonijiet ħajja, imkejjen ta' evanġelizzazzjoni. Nistgħu ngħinu wieħed lill-ieħor.

3. B'din l-ittra tiegħi nissogra ndur ukoll *fuq persuni kkonsagrati u membri ta' fraternitajiet u komunitajiet li jagħmlu parti minn Knejjes ta' tradizzjoni oħra minn dik Kattolika*. Il-monastiċiżmu hu wirt tal-Knisja waħda u mhux maqsuma, li sal-lum għadu ħaj ħafna kemm

fil-Knejjes Ortodossi u kemm fil-Knisja Kattolika. Minnu, kif ukoll minn esperjenzi oħra warajh miż-żmien meta l-Knisja tal-Punent kienet għadha waħda, jitnebbħu inizjattivi simili li nibtu fil-kuntest tal-Komunitajiet ekkleżjali tar-Riforma, li mbagħad issoktaw inisslu fi ħdanhom iktar espressjonijiet ta' komunitajiet fraterni u ta' qadi.

Il-Kongregazzjoni għall-Istituti ta' Ħajja Kkonsagrata u s-Soċjetajiet ta' Ħajja Appostolika fasslet xi inizjattivi biex tlaqqa' flimkien il-membri ta' esperjenzi ta' ħajja kkonsagrata u fraterna tad-diversi Knejjes. Minn qalbi nħeġġeġ li jsiru dawn il-laqgħat biex jikber l-għarfien ta'xulxin, l-istima, il-kollaborazzjoni reċiproka, u hekk l-ekumeniżmu tal-ħajja kkonsagrata jiswa ta' għajnuna fil-mixja usa' lejn l-għaqda bejn il-Knejjes kollha.

4. Imbagħad ma nistgħux ninsew li l-fenomenu tal-monastiċiżmu u ta' espressjonijiet reliġjużi oħra ta' fraternità hu preżenti fir-reliġjonijiet kbar kollha. Ma jonqsux esperjenzi, uħud ilhom għaddejjin, ta' djalogu inter-monastiku bejn il-Knisja Kattolika u xi wħud mit-tradizzjonijiet reliġjużi l-kbar. Nawgura li s-Sena tal-Ħajja Kkonsagrata tkun l-okkażjoni biex niżnu l-mixja li terraqna sa issa, biex nissensibilizzaw il-persuni kkonsagrati f'dan il-qasam, biex nistaqsu lilna nfusna x'passi oħra nistgħu mmiddu lejn għarfien reċiproku dejjem iżjed profond u lejn kollaborazzjoni f'ħafna oqsma komuni ta' servizz lill-ħajja umana.

Li nimxu flimkien hu dejjem għana u jista' jiftaħ toroq ġodda għar-relazzjonijiet bejn popli u kulturi li f'dan il-perjodu jidhru tant diffiċli.

5. Fl-aħħar nett, indur b'mod partikulari lejn ħuti fl-episkopat. Ħa tkun din is-Sena opportunità biex nilqgħu mill-qalb u bil-ferħ il-ħajja kkonsagrata bħala kapital spiritwali li jikkontribwixxi għall-ġid tal-ġisem sħiħ ta' Kristu (ara *Lumen gentium*, 43) u mhux biss għal dak tal-familji reliġjużi. "Il-ħajja kkonsagrata hi don għall-Knisja, titwieled fil-Knisja, tikber fil-Knisja, hi kollha kemm hi orjentata lejn il-Knisja".[8] Għalhekk, la hi don għall-Knisja, mhix realtà maqtugħa jew li tinsab fil-ġenb, imma tappartieni intimament għaliha, qiegħda fl-istess qalba tal-Knisja bħala element deċiżiv tal-missjoni tagħha, għax tesprimi n-natura intima tas-sejħa Nisranija u x-xenqa tal-Knisja Għarusa għall-għaqda mal-Għarus waħdieni tagħha; għalhekk "tappartieni… assolutament għall-ħajja u l-qdusija tagħha" (*ibid.*, 44).

F'dan il-kuntest, nistieden lilkom, Rgħajja tal-Knejjes partikulari, għal attenzjoni speċjali fil-promozzjoni, fi ħdan il-komunitajiet tagħkom, tad-diversi kariżmi, kemm dawk storiċi u kemm dawk ġodda, billi twieżnu, tanimaw u tgħinu fid-dixxerniment, tkunu qrib bil-ħlewwa u l-imħabba fis-sitwazzjonijiet ta' tbatija u ta' dgħufija li fihom jistgħu jsibu ruħhom xi persuni kkonsagrati, u fuq kollox billi bit-tagħlim tagħkom iddawlu lill-poplu ta' Alla dwar il-valur tal-ħajja kkonsagrata, biex hekk jilmaw il-ġmiel u l-qdusija tal-Knisja.

Din is-Sena tal-Ħajja Kkonsagrata nafdaha f'idejn Marija, il-Verġni tas-smigħ u tal-kontemplazzjoni, l-ewwel dixxiplu tal-Iben maħbub tagħha. Lejha, bint magħżula tal-Missier u mlibbsa bid-doni kollha tal-grazzja, inħarsu bħala l-ogħla mudell tal-mixja wara Kristu fl-imħabba ta' Alla u fil-qadi tal-proxxmu.

Nixxierek magħkom ilkoll sa minn issa fil-gratitudni lejn il-Mulej għad-doni ta' grazzja u ta' dawl li bihom għad irid jagħnina, u nseħibkom bil-Barka Appostolika tiegħi.

Mill-Vatikan, 21 ta' Novembru 2014, Festa tal-Preżentazzjoni tal-Imqaddsa Verġni Marija.

FRANCISCUS

[1] Ittra appostolika *Los caminos del Evangelio* lir-reliġjużi fl-Amerika Latina fl-okkażjoni tal-V ċentinarju tal-evanġelizzazzjoni tad-dinja l-ġdida, 29 ta' Ġunju 1990, 26.
[2] Kongregazzjoni Mqaddsa għar-Reliġjużi u l-Istituti Sekulari, *Religiosi e promozione umana*, 12 ta' Awwissu 1980, 24.
[3] *Diskors lir-retturi u l-istudenti tal-Kulleġġi u Skejjel Pontifiċji ta' Ruma*, 12 ta' Mejju 2014.
[4] Omelija fil-Festa tal-Preżentazzjoni ta' Ġesù fit-Tempju, 2 ta' Frar 2013.
[5] Ittra appostolika *Novo millennio ineunte*, 6 ta' Jannar 2001, 43.
[6] Eżortazzjoni appostolika *Evangelii gaudium*, 24 ta' Novembru 2013, 87.
[7] Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni appostolika post-sinodali *Vita consecrata*, 25 ta' Marzu 1996, 51.
[8] L-E.T. Mons. J.M. Bergoglio, *Intervent fis-Sinodu fuq il-ħajja kkonsagrata u l-missjoni tagħha fil-Knisja u fid-dinja*, XVI Kongregazzjoni Ġenerali, 13 ta' Ottubru 1994.

*miġjuba mit-Taljan għall-Malti minn Francesco Pio Attard*